KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

SHARPSTON

ippreżentati fil-5 ta' Marzu 2009 [1]

1. F'din il-proċedura ta' appell, is-sindakat 3F [2] qed jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja l-annullament tad-digriet mogħti, fit-23 ta' April 2007, mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawża T-30/03, li permezz tiegħu ddikjara bħala inammissibbbli r-rikors għall-annullament, ippreżentat minn 3F, skont l-Artikolu 230 KE, ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx proċedura formali ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) KE [3].

Il-kuntest legali u fattwali

Id-dispożizzjonijiet Komunitarji

It-Trattat KE

2. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 87 KE jipprovdu kif ġej:

"1. Bla ħsara ta' kull deroga kontemplata b'dan it-Trattat, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri tkun inkompatibbli mas-suq komuni.

[…]

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż

2 — Li qabel kien magħruf bħala SID, u jsir riferiment għalih b'dan il-mod fid-Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Madankollu, is-sindakat kien magħruf bħala 3F sakemm ippreżenta l-appell u għal kjarezza ser nirreferi għall-appellant il-ħin kollu bħala "3F".

3 — C (2002) 4370; iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata".

3. It-tip ta' għajnuna li ġejja tista' tkun ikkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq komuni:

[…]

(c) għajnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sal-grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni;

[…]"

3. L-Artikolu 88 KE jipprovdi li s-sistemi kollha ta' għajnuna fl-Istati Membri jiġu eżaminati kostantement mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tagħti bidu għal proċedura ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) li matulha "[l]-partijiet interessati" bl-għajnuna inkwistjoni jistgħu jissottomettu l-kummenti tagħhom lill-Kummissjoni. [4] Jekk tagħmel hekk, ikun hemm investigazzjoni sħiħa dwar l-għajnuna allegata. Bil-kontra, il-Kummissjoni tista'– bħal ma għamlet fil-każ preżenti — tiddeċiedi li mhux meħtieġ li tiftaħ l-imsemmija investigazzjoni, peress li tikkunsidra li jew il-miżuri inkwistjoni mhumiex għajnuna, jew li dawn ma jikkostitwixxux għajnuna iżda li huma kompatibbli b'mod ċar mas-suq komuni.

4. Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE jipprovdi li kull persuna ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra deċiżjoni li għalkemm tkun indirizzata lil xi persuna oħra, tirrigwarda direttament u individwalment lill-ewwel persuna.

Il-Linji Gwida tal-Komunità tal-1997

5. L-għajnuna mill-Istat fis-settur marittimu hija rregolata bil-Linji Gwida tal-Komunità tal-1997 dwar għajnuna mill-Istat lit-trasport marittimu (il-"Linji Gwida tal-1997"). [5] Dawn il-Linji Gwida, *inter alia*, jirreferu għal numru ta' ċirkustanzi fejn għajnuna mogħtija lill-kumpanniji ta' bastimenti tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq komuni. B'mod partikolari, is-Sezzjoni 3.2 tistabbilixxi l-linji gwida sabiex tiġi ddeterminata l-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat li tingħata biex jittaffew l-ispejjeż relatati ma' pagi.

4 — Il-proċeduri għall-investigazzjoni dwar għajnuna mill-Istat huma stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339). L-Artikolu 93 tat-Trattat KE issa huwa, wara li ġie enumerat mill-ġdid, l-Artikolu 88 KE.

5 — ĠU 1997 C 205, p. 5. Dawn il-Linji Gwida ħadu post il-Linji Gwida tal-1989 (SEC (89) 921 finali), li kellhom bħala ż-żewġ għanijiet bażiċi tagħhom il-manutenzjoni ta' bastimenti taħt il-bnadar tal-Komunità u l-impieg, sal-iktar grad għoli possibbli, ta' baħħara tal-Komunità.

6. Il-ħames u s-sitt paragrafi tas-Sezzjoni 3.2 jipprovdu kif ġej:

“Miżuri ta’ appoġġ għas-settur marittimu għandhom, primarjament ikollhom l-għan li titnaqqas it-taxxa u spejjeż u piżijiet oħra sostnuti mis-sidien ta’ bastimenti u baħħara Komunitarji (jiġifieri dawk li għandhom l-obbligu li jħallsu t-taxxa u/jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fi Stat Membru) għal livelli li jikkonformaw ma’ normi dinjija. Dawn għandhom jistimulaw direttament l-iżvilupp tas-settur u l-impjieg, pjuttost milli jipprovdu għajnuna finanzjarja ġenerali.

Għalhekk konformi ma’ dan l-għan, l-azzjoni li ġejja fir-rigward tal-ispejjeż ta’ pagi għandha tkun permessa għat-trasport marittimu Komunitarju:

[…]

— rati mnaqqsa ta’ taxxa fuq id-dħul għal baħħara tal-KE abbord vapuri rreġistrati fi Stat Membru.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. Is-seba’ paragrafu tas-sezzjoni jipprovdi li t-taxxa fuq id-dħul tista’ titnaqqas għal żero skont skema ta’ għajnuna mill-Istat.

Dispożizzjonijiet nazzjonali

8. Id-Danimarka għandha żewġ reġistri tal-vapuri. L-ewwel wieħed huwa reġistru ordinarju tal-bastimenti, ir-Reġistru Nazzjonali tal-Bastimenti Daniż (id-Dansk Nationalt Skibsregister, jew DAS). Fl-1988, id-Danimarka stabbiliet it-tieni reġistru, ir-Reġistru Internazzjonali tal-Bastimenti Daniż (id-Dansk Internationalt Skibsregister, jew DIS) [6]. Is-sidien tal-bastimenti fuq dan ir-reġistru jitħallew jimpjegaw ukoll baħħara minn barra l-UE abbażi tal-kundizzjonijiet tal-pagi nazzjonali tagħhom. [7]

9. Baħħara abbord vapuri rreġistrati mad-DIS ingħataw ċerti vantaġġi fiskali mill-Gvern Daniż. [8] B’mod partikolari, impjegati rreġistrati abbord vapur reġistrat mad-DIS kienu kompletament eżenti mill-obbligu li jħallsu taxxa fuq id-dħul. Jidher li jeżisti qbil ġenerali li l-benefiċċju ta’ dawn il-miżuri fiskali jiġi

6 — Liġi Nru 408 tal-1 ta’ Lulju 1988, li daħlet fis-seħħ fit-23 ta’ Awwissu 1988 (Lovtidende, Parti A, 22 ta’ Lulju 1988).

7 — Fi kliem ieħor, kundizzjonijiet ta’ pagi li jeżistu f’pajjiżi terzi, li fil-prattika normalment tfisser renumerazzjoni iktar baxxa minn dik li tingħata lill-baħħara minn Stati Membri tal-UE.

8 — Il-Liġijiet Nru 361 sa 364 tal-1 ta’ Lulju 1988, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1989 (Lovtidende, Parti A, 2 ta’ Lulju 1988).

trażmess lis-sidien tal-vapuri, li għalhekk għandhom il-flessibbiltà li jnaqqsu l-pagi gross mingħajr ma l-baħħara eżenti jkollhom tnaqqis fil-pagi netti tagħhom.

Id-deċiżjoni kontestata

10. Id-deċiżjoni kontestata kienet ittieħdet b'riżultat ta' lment minn 3F, sindakat li jirrappreżenta (fost l-oħrajn) il-baħħara. 3F sostna li dawn il-miżuri fiskali, b'mod partikolari l-eżenzjoni mit-taxxa għal baħħara fuq vapuri reġistrati mad-DIS, kienu jmorru kontra l-Linji Gwida tal-1997 u għandhom jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat illegali.

11. Fid-deċiżjoni kontestata, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-miżuri kienu jikkonstitwixxu għajnuna mill-Istat, iżda li dawn kienu kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 87 (3)(ċ) KE. Għaldaqstant il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tiftaħx proċedura ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) KE, u li ma tqajjem ebda oġġezzjonijiet għall-miżuri fiskali li kienu s-suġġett tal-ilment ta' 3F.

Id-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

12. 3F ippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza fejn talab l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Huwa bbaża r-rikors tiegħu għall-annullament fuq tliet motivi:

i) ksur tal-Artikolu 88(2) KE (peress li l-Kummissjoni naqset milli tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni minkejja dewmien ta' erba' snin biex jitwieġeb l-ilment, li 3F interpretat li jimplika "diffikultà serja" biex jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna mill-Istat kinitx kompatibbli);

ii) ksur tal-Artikolu 87(3)(ċ) KE (peress li l-Kummissjoni ddeċidiet li l-għajnuna kienet kompatibbli, meta, kif jargumenta 3F, din ma twassalx għal incentiv għal min iħaddem biex jiffavorixxi baħħara tal-KE, kif inhu meħtieġ mil-Linji Gwida tal-1997 u tal-1989 u l-prinċipju tal-aspettativi leġittimi);

iii) żball manifest ta' evalwazzjoni (b'mod partikolari li l-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra l-politika soċjali u naqset milli tinvestiga xi jwassal lil min iħaddem biex jagħżel li jimpjega baħħar minn ieħor).

13. Fir-rikors tiegħu quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, 3F l-ewwel nett ipprova jistabbilixxi li kellu *locus standi* biex jippreżenta r-rikors għal annullament tiegħu. B'mod partikolari, huwa sostna li kien jokkupa pożizzjoni ċirkuskritta ċara bħala negozjatur ta' ftehim kollettivi u li l-iskop tiegħu li jinnegozja dawn il-ftehim ntlaqat mill-iskema ta' għajnuna li pprovdiet tnaqqis mit-taxxa mhux biss għall-baħħara tal-KE iżda għall-baħħara kollha (inklużi dawk imsieħba f'sindakati mhux Komunitarji). 3F sostna li dan qiegħed lill-membri tiegħu fi żvantaġġ kompetittiv. 3F irrefera wkoll għall-fatt li d-deċiżjoni kontestata ttieħdet b'riżultat tal-ilment tiegħu.

14. Il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni dwar ammissibbiltà, li l-Qorti tal-Prim'Istanza laqgħet fid-digriet appellat.

15. Il-Qorti tal-Prim'Istanza bdiet billi għamlet serje ta' osservazzjonijiet preliminari [9], fejn l-ewwel spjegat it-test dwar l-interess dirett u individwali stabbilit fis-sentenza Plaumann [10] u spjegat fil-qosor it-test dwar il-*locus standi* għal parti li titlob l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tagħtix bidu għal investigazzjoni skont l-Artikolu 88 (2) KE meta dik il-parti tfittex li tħares id-drittijiet proċedurali tagħha, u t-test tal-*locus standi* ta' parti li tipprova tikkontesta l-mertu ta' dik id-deċiżjoni li tevalwa l-għajnuna.

16. Sussegwentement il-Qorti tal-Prim'Istanza għaddiet biex tikkunsidra l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament ta' 3F skont il-linja ta' ġurisprudenza tas-sentenza Plaumann. B'mod partikolari, il-Qorti kkonkludiet, fil-punt 32, li 3F:

"ma jistax isostni li l-pożizzjoni kompetittiva tiegħu hija milquta bl-għajnuna inkwistjoni. L-ewwel nett, ġie deċiż li assoċjazzjoni ta' impjegati tal-impriża li allegatament ibbenefikat minn għajnuna mill-Istat bl-ebda mod ma kienet f'kompetizzjoni ma' dik l-impriża [11]. It-tieni, sa fejn ir-rikorrent jibbaża ruħu fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu fir-rigward ta' sindakati oħra ta' baħħara fin-negozjati ta' ftehim kollettivi fis-settur inkwistjoni, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li ftehim konklużi fil-kuntest ta' negozjati kollettivi ma jidħlux fil-kuntest tal-iskop tad-dritt tal-kompetizzjoni [12]." [13]

17. Wara li fakkret li entitajiet li jirrappreżentaw l-impjegati ta' impriża jistgħu, bħala

9 — Punti 21 sa 26 tad-digriet appellat. Jien nindirizza dawn l-osservazzjonijiet hawn isfel fil-punti 26 sa 49.

10 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 1963 (25/62, Ġabra p. 197).

11 — Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza ATM vs Il-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 1997 (T-178/94, Ġabra p. II-2529, punt 63).

12 — Dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikoli 3(g) u 81 KE għal ftehim kollettivi, il-Qorti tal-Prim'Istanza rreferiet għas-sentenza Albany tal-21 ta' Settembru 1999 (C-67/96, Ġabra p. I-5751, punti 52 sa 60).

13 — Dan il-punt jikkostitwixxi l-bażi tal-ewwel motiv tal-appellant; ara hawn taħt, punt 22.

partijiet interessati skont it-tifsira tal-Artikolu 88(2) KE, jissottomettu kummenti lill-Kummissjoni dwar kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjali, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet, fil-punt 36, li:

"Fil-każ preżenti […] jidher illi li l-aspetti soċjali li joħorġu mir-Reġistru DIS joriġinaw primarjament mit-twaqqif tar-reġistru […] pjuttost milli mill-miżuri fiskali paralleli […]. L-ewwel nett, il-Kummissjoni ħadet il-pożizzjoni li t-twaqqif tar-reġistru DIS ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, u llimitat l-investigazzjoni tagħha dwar il-kompatibbiltà mas-suq komuni tal-miżuri statali inkwistjoni għall-miżuri fiskali biss […]. It-tieni nett, fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà […] ir-rikorrenti ddikjara espressament li l-każ tiegħu kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 87(3)(ċ) KE u li hi qatt ma allega li l-għajnuna mill-Istat oriġinat mill-fatt li baħħara mhux tal-Komunità jistgħu jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet ta' impjieg differenti minn baħħara tal-Komunità. Isegwi li fil-każ preżenti l-aspetti soċjali tar-Reġistru DIS huma biss marbutin indirettament mas-suġġett tad-deċiżjoni kontestata u għalhekk, kif jirrikonoxxi r-rikorrent, mal-proċeduri preżenti. Għalhekk ir-rikorrent ma jistax jibbaża ruħu fuq dawk l-aspetti soċjali sabiex jistabbilixxi li huwa individwalment interessat." [14]

18. Il-Qorti tal-Prim'Istanza mbagħad ikkonkludiet, fil-punt 37, li:

"[3F] ma jistax jitqies li huwa individwalment interessat sempliċement għax l-għajnuna inkwistjoni tgħaddi lir-riċevituri permezz ta' tnaqqis fit-talbiet għal pagi tal-baħħara li jibbenefikaw mill-eżenzjoni tat-taxxa taddħul stabbilita bil-miżuri fiskali. Id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq il-vantaġġi li rċevew ir-riċevituri tal-għajnuna, mhux fuq il-metodu ta' trażmissjoni tal-għajnuna." [15]

19. Fl-aħħar nett il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet, fil-punti 38 sa 40, li:

"[3F] ma weriex li l-interessi tiegħu bħala negozjatur setgħu jiġu direttament milquta mill-għajnuna inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, ta' minn wieħed ifakkar li fissentenzi Van der Kooy *et* vs Il-Kummissjoni u CIRFS vs Il-Kummissjoni […] ir-rikorrenti setgħu jibbażaw ruħhom fuq pożizzjoni għal kollox speċjali, tabilħaqq eċċezzjonali, peress li kienu nnegozjaw u ffirmaw il-ftehim li stabbilixxa t-tariffa li kienet tikkostitwixxi

14 — Dan il-punt jifforma l-bażi tat-tieni aggravju tal-appellant; ara hawn taħt, punt 23.

15 — Dan il-punt jifforma l-bażi tat-tielet aggravju tal-appellant; ara hawn taħt, punt 24.

għajnuna u peress li ppartećipaw mill-qrib fil-proċedura quddiem il-Kummissjoni [16] jew peress li kienu l-interlokuturi tal-Kummissjoni għar-rigward tad-definizzjoni tad-dixxiplina li tikkonċerna l-għajnuna fis-settur inkwistjoni [17].

Fil-każ preżenti, is-sempliċi fatt li r-rikorrent għamel ilment lill-Kummissjoni kontra l-għajnuna inkwistjoni ma jfissirx li huwa distint b'mod individwali. Barra minhekk, għalkemm ir-rikorrent seta' kien wieħed min-negozjaturi ta' ftehim kollettivi għal baħħara fuq bastimenti rreġistrati f'wieħed mir-registri Daniżi u bħala tali kien parti mill-makkinarju għat-trasferiment tal-għajnuna lis-sidien ta' bastimenti, ir-rikorrent ma weriex li huwa nnegozja l-abbozz tal-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu, li bbażat fuqhom fil-kawża preżenti, mal-Kummissjoni jew l-adozzjoni tal-miżuri fiskali mal-Kummissjoni jew mal-Gvern Daniż." [18]

20. Abbażi ta' dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li la 3F u lanqas il-membri tiegħu ma kienu direttament interessati mid-deċiżjoni kkontestata.

16 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza hawnhekk irreferiet għas-sentenza tat-2 ta' Frar 1988 Van der Kooy *et* vs Il-Kummissjoni, mogħtija fil-Kawżi Maqgħuda 67/85, 68/85 u 70/85 (Ġabra p. 219, punti 21 sa 24), u s-sentenza tat-23 ta' Mejju 2000, Comité d'entreprise de la Société française de production *et* vs Il-Kummissjoni, Kawża (C-106/98 P, Ġabra p. I-3659, punt 43).

17 — Il-Qorti hawnhekk irreferiet għas-sentenzi tal-24 ta' Marzu 1993, CIRFS *et* vs Il-Kummissjoni (C-313/90, punti 29 u 30) u Comité d'entreprise de la Société française de production, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 44.

18 — Dawn il-punti jifformaw l-bażi tar-raba' aggravju tal-appellant; ara hawn taħt, punt 25.

L-appell preżenti

21. 3F qed jtippreżenta appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat fuq erba' aggravji.

22. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta bbażat ruħha fuq is-sentenza Albany [19] biex tikkonkludi li 3F ma setax jibbaża ruħu fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu stess fin-negozjati ta' ftehim kollettivi sabiex jistabbilixxi li kien interessat individwalment.

23. It-tieni nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li 3F ma setax jibbaża ruħu fuq aspetti soċjali biex jistabbilixxi li kien interessat individwalment.

24. It-tielet nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat b'mod żbaljat is-sentenzi Plaumann u ARE [20] meta kkonkludiet li 3F ma setax jitqies li huwa kkonċernat individwalment sempliċement għaliex l-għajnuna inkwistjoni ġiet trasferita lir-riċevituri permezz ta' tnaqqis fit-talbiet għal pagi ta' baħħara li kienu jibbenefikaw mill-eżenzjoni tat-taxxa fuq id-dħul.

19 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, hawn fuq.

20 — Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum, imsejħa "ARE" (C-78/03 P, Ġabra p. I-10737).

25. Ir-raba' nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza ta' Van der Kooy u CIRFS meta kkonkludiet li l-interessi ta' 3F innifisu bħala negozjatur ma ġewx milquta mill-miżuri fiskali inkwistjoni fid-deċiżjoni kontestata.

27. Bħala regola ġenerali, l-Artikolu 230 KE jipprovdi bażi għal persuni naturali jew ġuridiċi (li jistgħu jinkludu sindakati) li jippreżentaw rikors għal annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni indirizzata lil Stat Membru (kif kienet id-deċiżjoni kkontestata) jekk madankollu dik id-deċiżjoni tikkonċerna direttament u individwalment lill-parti li tibda l-proċedura.

Osservazzjonijiet preliminari

28. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "interess dirett u individwali" diversi drabi f'linja twila ta' ġurisprudenza magħrufa. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Plaumann [24] li partijiet jistgħu jsostnu li huma individwalment ikkonċernati biss jekk id-deċiżjoni inkwistjoni taffettwahom minħabba ċerti karatteristiċi partikolari għalihom jew minħabba ċirkustanzi li jiddistingwuhom mill-persuni l-oħra kollha, u għalhekk jiddistingwuhom b'mod individwali.

26. Ir-rikors ippreżentat minn 3F quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kien intiż għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx proċedura ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) KE [21]. Hemm relattivament ftit każijiet li jikkonċernaw dan it-tip partikolari ta' rikors; [22] u jibqa' grad ta' nuqqas ta' trasparenza għar-rigward tat-test xieraq dwar il-*locus standi* [23]. Għaldaqstant naħseb li jkun utli li jiġi stabbilit kif nifhem li għandu jkun il-mod korrett kif jiġi evalwat il-*locus standi* quddiem il-qorti f'rikorsi ta' dan it-tip.

29. Fil-kuntest tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-obbligu tagħha li żżomm taħt eżami kontinwu s-sistemi ta' għajnuna kollha eżistenti fl-Istati Membri, [25] il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat serje ta' testijiet iktar speċifiċi sabiex tevalwa

21 — Għalkemm ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza semplicement talab l-annullament tad-deċiżjoni kontestata, l-ewwel motiv tar-rikorrent kien proċedurali u l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidratu bħala rikors intiż biex jiġu miżmuma d-drittijiet proċedurali ta' 3F. Għall-għanijiet ta' dan l-appell, jien ser nagħmel l-istess.

22 — B'kuntrast mal-linja ta' ġurisprudenza ta' iktar piż li għandha x'taqsam mal-istabbiliment tal-*locus standi* meta l-Kummissjoni tkun fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni taħt l-Artikolu 88(2) KE u d-deċiżjoni fl-aħħar ta' dik il-proċedura tkun qed tiġi kkontestata.

23 — Tabilħaqq teżisti xi ftit ambigwità fid-digriet appellat stess dwar liema kriterju ta' *locus standi* għandu jiġi applikat; ipparagun l-punt 28 mal-punti 27 u 30.

24 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10 hawn fuq, punt 107. Din il-formulazzjoni kienet ripetuta iktar reċentement fis-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni, imsejħa "BAA" (C-487/06 P, Ġabra p. I-10505, punt 27).

25 — Artikolu 88(1) KE.

l-*locus standi* ta' persuna ġuridika meta din il-persuna tkun tixtieq tippreżenta rikors għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) KE.

30. It-test separat dwar *locus standi* ġie żviluppat għall-ewwel darba fis-sentenzi Cook [26] u Matra [27]. F'dawk iż-żewġ sentenzi l-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet kriterju minimu iktar baxx għal partijiet li kienu qed jikkontestaw din it-tip ta' deċiżjoni, u ddikjarat li l-persuni li kienu intiżi li jkunu l-benefiċjarji tal-garanziji proċedurali stabbiliti fl-Artikolu 88(2) KE għandhom jingħataw id-dritt li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx proċedura ta' investigazzjoni.

31. Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għas-sentenza Intermills [28] sabiex tiddefinixxi dawk il-persuni. Abbażi tal-kliem tal-Artikolu 88(2) KE, hija kkonkludiet li "partijiet interessati" setgħu jieħdu azzjonijiet sabiex iħarsu l-garanziji proċedurali tagħhom. Sabiex wieħed jidħol fi ħdan il-kategorija ta' "partijiet interessati", ir-rikorrent għandu juri li l-interessi tiegħu jistgħu jintlaqtu bl-għoti ta' għajnuna. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, b'mod partikolari, dan jinkludi impriżi li huma f'kompetizzjoni mar-riċevituri tal-għajnuna inkwistjoni.

32. Fis-sentenza ARE [29] il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat id-distinzjoni bejn it-test dwar *locus standi* għal dawk ir-rikorrenti li sempliċement ipprovaw jipproteġu d-drittijiet proċedurali tagħhom taħt l-Artikolu 88(2) KE u t-test għal dawk li pprovaw jikkontestaw il-merti tad-deċiżjoni li evalwat l-għajnuna bħala tali.

33. Skont is-sentenza ARE, meta rikorrent ifittex li jħares id-drittijiet proċedurali tiegħu, huwa biżżejjed jekk juri li huwa jaqa' taħt il-kategorija ta' "parti interessata" skont it-tifsira tal-Artikolu 88(2) KE. Madankollu, fejn rikorrent jikkontesta "l-merti tad-deċiżjoni li tevalwa l-għajnuna bħala tali", dan minflok għandu juri li jissodisfa t-test dwar *locus standi* kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Plaumann.

34. Fis-sentenza l-iktar reċenti tagħha rigward dan il-qasam, BAA, [30] il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li rikorrent għandu, meta jikkontesta l-merti tad-deċiżjoni li tevalwa l-għajnuna bħala tali, juri li għandu status speċjali jew partikolari skont it-tifsira tas-sentenza Plaumann [31].

26 — Sentenza ta' 19 ta' Mejju 1993 Cook vs Il-Kummissjoni, Kawża C-198/91, Ġabra p. I-2487, punt 23 *et seq*.

27 — Sentenza tal-15 ta' Ġunju 1993, Matra vs Il-Kummissjoni, C-225/91, Ġabra p. I-3203, punt 17 *et seq*.

28 — Sentenza tal-14 ta' Novembru 1984, Intermills vs Il-Kummissjoni, Kawża C-323/82, Ġabra p. 3809, punt 16.

29 — Iċċitata fin-nota tal-qiegħ 20 hawn fuq, punti 34 sa 37.

30 — Iċċitata fin-nota tal-qiegħ 24 hawn fuq.

31 — Ara b'mod partikolari l-punti 25 sa 30 u 35.

35. Is-sentenza BAA kienet important peress li r-rikorrenti hemmhekk ikkontestat deċiżjoni li ma tinbedix investigazzjoni fuq il-bażi kemm li d-drittijiet proċedurali tagħha ġew miksura u li l-Kummissjoni kienet żbaljat fuq il-mertu tad-deċiżjoni [32]. Fl-appell il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat flimkien l-eċċezzjonijiet legali kollha li tqajmu mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza [33]. Minn dik is-sentenza jidher li kull meta parti tqajjem eċċezzjoni dwar il-mertu tad-deċiżjoni nnifisha, it-test dwar *locus standi* li għandu jiġi applikat huwa dak stabbilit fis-sentenza Plaumann u l-linja sussegwenti ta' ġurisprudenza. Minbarra dan, din is-sentenza tissuġġerixxi li ma jkunx possibbli għall-Qorti tal-Prim'Istanza li tissepara l-eċċezzjonijiet legali mressqa quddiemha biex b'hekk, li kellha r-rikorrenti inkwistjoni ma tissodisfax il-kriterji tas-sentenza Plaumann dwar l-ammissibbiltà fir-rigward tal-kontestazzjoni fuq il-mertu, il-qorti tista' tikkunsidra l-ammissibbiltà taħt il-kategorija ta' "partijiet interessati" għar-rigward ta' eċċezzjonijiet proċedurali. [34]

36. Il-pożizzjoni li ttieħdet sa issa mill-Qorti tal-Ġustizzja kienet is-suġġett ta' ċertu ammont ta' kritika akkademika [35]. Jien mhux bi ħsiebni nagħmel kritika fit-tul dwar il-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn il-konklużjonijiet. Madankollu nixtieq nagħmel osservazzjoni fil-qasir.

37. L-ewwel nett, jien nixtieq intenni ċerti kummenti speċifiċi li saru mill-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-konklużjonijiet tiegħu fis-sentenza BAA [36]. Fil-fehma tiegħi, meta rikorrent sempliċement jitlob l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx proċedura formali ta' investigazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha tillimita ruħha għall-kwistjoni ta' jekk id-deċiżjoni (proċedurali) tal-Kummissjoni ttħdietx b'mod korrett. Fil-prattika, dan jista' jfisser stħarriġ dwar il-proċeduri segwiti mill-Kummissjoni sa biex tasal għad-deċiżjoni tagħha. Dan jista' jinkludi investigazzjoni ta' jekk il-Kummissjoni wrietx jekk kienx fadal diffikultajiet serji biex jiġi stabbilit li l-miżura inkwistjoni ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna, jew kienet tikkostitwixxi għajnuna li kienet kompatibbli mas-suq komuni. [37]

38. Jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkonkludi li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx proċedura ta' investigazzjoni ma ġietx

32 — F'dan ir-rigward ir-rikorrent ibbaża ruħu fuq serje ta' eċċezzjonijiet legali simili ħafna bħal ma għamel 3F quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

33 — Punt 37 tas-sentenza.

34 — Ara, b'mod partikolari, il-punt 37 tas-sentenza, fejn — fil-kors tal-kunsiderazzjoni tat-test adattat dwar *locus standi* li għandu jiġi applikat għar-rikorrent — il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li "BAA ma kinitx sempliċement qed tfittex li tikkontesta r-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti bidu għall-proċedura formali ta' investigazzjoni imma kienet *ukoll* qed tikkontesta l-merti tad-deċiżjoni kontestata" (l-enfażi huwa tiegħi). Il-punt 76 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi jidher li jsostni din l-interpretazzjoni.

35 — Ara, pereżempju Friedensköld, *Locus Standi in Article 88(2) EC cases: No cure for the Plaumann blues I*, u Schmauch *Locus Standi and Article 88(3): No cure for the Plaumann blues II*, European Law Reporter 1/2008, p. 17. Safejn naf jien sa issa m'hemm l-ebda kummentarju ppubblikat dwar is-sentenza BAA.

36 — Punti 68 sa 76.

37 — Punt 71 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża BAA.

meħudha b'mod korrett, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla dik id-deċiżjoni [38].

39. Jekk ir-rikorrent qajjem argument anċillari li għandu x'jaqsam mal-evalwazzjoni sostantiva tal-Kummissjoni tal-miżura inkwistjoni, fil-fehma tiegħi dan ma għandux jaffettwa l-kriterju minimu dwar *locus standi*. Fil-prattika, osservazzjonijiet anċillari li għandhom x'jaqsmu mas-sustanza tal-każ jistgħu jgħinu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddetermina jekk il-Kummissjoni tabilħaqq irriżolvitx id-diffikultajiet serji kollha fl-evalwazzjoni preliminari tagħha dwar jekk il-miżura inkwistjoni hijiex jew kompatibbli mas-suq komuni jew hija miżura li mhijiex għajnuna mill-Istat. Osservazzjonijiet bħal dawn jistgħu juru żball proċedurali minnaħa tal-Kummissjoni.

40. Ma nistax nara għalfejn il-preżentata ta' osservazzjonjiet sostantivi anċillari dwar il-miżuri inkwistjoni għandha twassal għall-impożizzjoni ta' test iktar rigoruż dwar *locus standi*. Dan huwa partikolarment il-każ fejn ir-rikorrent jitlob mhux determinazzjoni vinkolanti dwar jekk il-miżura inkwistjoni tikkostitwix għajnuna mill-Istat legali iżda sempliċement evalwazzjoni ġudizzjarja ta' jekk il-Kummissjoni kinitx korretta meta ħadet il-pożizzjoni preliminari li ħadet.

38 — Il-Kummissjoni tista' mbagħad tieħu d-deċiżjoni mill-ġdid, mingħajr ma tkun marbuta li ssostni li l-għajnuna inkwistjoni kienet tabilħaqq għajnuna, jew li kienet għajnuna li madankollu kienet kompatibbli mas-suq komuni. Jekk id-deċiżjoni kellha tiġi annullata minħabba d-diffikultajiet li jifdal fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni, għalkemm hija ħielsa li tiddeċiedi li ma tiftaħx l-proċedura ta' investigazzjoni, tkun obbligata li turi li d-diffikultajiet, li baqgħu, ineħlbu.

41. Approċċ bħal dan huwa formalistiku mingħajr ħtieġa, li jippenalizza rikorrent li jixtieq isostni t-talba tiegħu għal evalwazzjoni ġudizzjarja tal-opinjoni preliminari tal-Kummissjoni billi jsostni li l-Kummissjoni żbaljat fuq is-sustanza tal-konklużjonijiet tagħha.

42. B'mod partikolari, skont l-approċċ preżenti jien insibha diffiċli li nara kif rikorrent jista' faċilment jevita li ma jidħolx fil-mertu ta' deċiżjoni meta jkun qed jipprova juri li xorta kien fadal diffikultajiet serji fl-evalwazzjoni inizjali mill-Kummissjoni tal-għajnuna inkwistjoni. Permezz tas-sentenzi ARE u BAA, il-Qorti tal-Ġustizzja ġibdet ħabel stirat merfugħ mill-art li minn fuqu jridu jgħaddu r-rikorrenti u l-avukati tagħhom b'mod kawt. Huwa ferm faċli għalihom li jiżolqu u li jsibu li jew huma maqbuda bit-test iktar rigoruż tas-sentenza Plaumann, jew li ma għamlux biżżejjed biex jissodisfaw lill-Qorti tal-Ġustizzja li tabilħaqq kien hemm żbalji proċedurali fid-deċiżjoni li huma jixtiequ jikkontestaw.

43. Fil-fehma tiegħi, ikun aħjar jekk il-Qorti Ġustizzja kellha tittratta r-rikors abbażi ta' dak li *attwalment jintalab* iktar milli jekk ir-rikorrent jibbażax fuq argumenti li jmissu s-sustanza bażika tal-evalwazzjoni inizjali tal-Kummissjoni tal-allegata għajnuna mill-Istat.

44. Fil-każ preżenti, għalkemm 3F ikkontesta l-mertu tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-natura tal-għajnuna inkwistjoni, huwa għamlet dan waqt li talab li jsir stħarriġ ġudizzjarju dwar deċiżjoni proċedurali tal-Kummissjoni. Il-*locus standi* ta' 3F bħala rikorrent jiġi evalwat b'mod iktar kredibbli abbażi tal-kriterju jekk setax jiqies li huwa "parti interessata".

45. Jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet evalwat il-*locus standi* ta' 3F fuq dik il-bażi, jidher li 3F x'aktarx kien jikkwalifika, peress li l-għajnuna inkwistjoni setgħet taffettwa l-interessi tiegħu.

46. Madankollu, fil-kuntest li huwa permess mill-ġurisprudenza preżenti, il-fatt li, filwaqt li għamel rikors biex tiġi annullata d-deċiżjoni kontestata, 3F ikkontesta fil-mertu d-deċiżjoni kkontestata jfisser li għandu jiġi applikat it-test tas-sentenza Plaumann dwar il-*locus standi*.

47. Għaldaqstant il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament applikat it-test tas-sentenza Plaumann dwar il-*locus standi*, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe evalwazzjoni dwar jekk 3F setax jitqies li huwa "parti interessata" skont it-tifsira tal-Artikolu 88(2) KE.

48. Bl-istess mod din il-Qorti għandha tevalwa l-motivi tal-appell ta' 3F abbażi ta' jekk jistax jiġi stabbilit *locus standi* skont it-test tas-sentenza Plaumann.

49. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet fis-sentenza ARE li meta rikors għal annullament isir minn assoċjazzjoni stabbilita biex tmexxi 'il quddiem l-interessi kollettivi ta' kategorija ta' persuni, dik l-assoċjazzjoni hija individwalment interessata sal-punt li fih il-pożizzjoni tal-membri tiegħu hija sostanzjalment milquta [39]. Għaldaqstant l-eċċezzjonijiet legali mressqa minn 3F għandhom jiġu evalwati minn din il-perspettiva.

L-ewwel aggravju

50. L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa allegazzjoni li l-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat fuq punt ta' liġi meta kkonkludiet, fil-punt 32 tad-digriet appellat, li 3F ma setax isostni li l-pożizzjoni kompetittiva tiegħu kienet intlaqtet mill-għajnuna inkwistjoni.

39 — Sentenza ARE, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 70.

51. Fit-tieni parti ta' punt 32 il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li 3F ma setax jibbaża ruħu fuq [ħsara lil] il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu fir-rigward ta' sindakati oħra fin-negozjati dwar ftehim kollettivi fis-settur inkwistjoni. Insostenn għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li ftehim fil-kuntest ta' negozjati kollettivi ma jaqgħux fi ħdan l-għan tad-dritt tal-kompetizzjoni u rreferiet għall-punti 52 sa 60 tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Albany [40] insostenn ta' din il-propożizzjoni.

52. 3F jargumenta li għandha ssir distinzjoni bejn il-kawża preżenti u l-kawża Albany. Din tal-aħħar kienet tikkonċerna tilwim dwar jekk persuna li tħaddem tistax tiġi obbligata permezz ta' ftehim kollettiv li tibqa' affiljata ma' fond tal-pensjoni partikolari. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ftehim bħal dan ma setax jaqa' fi ħdan l-għan tad-dritt tal-kompetizzjoni taħt dak li llum huwa l-Artikolu 81(1) KE. B'kuntrast ma' dan, il-kawża preżenti tikkonċerna investigazzjoni dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar miżura fiskali li allegatament kellha effett fuq l-kapaċità ta' 3F li jikkonkludi ftehm kollettivi. Din ma tikkonċernax lill-ftehim kollettivi nfushom. 3F jaċċetta li ftehim kollettivi ma jaqgħux fi ħdan l-għan tal-Artikolu 81(1) KE, iżda ssostni li l-punt li sar mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'dan ir-rigward mhuwiex rilevanti għall-eżitu tal-kawża preżenti.

53. Għaldaqstant 3F isostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza applikat is-sentenza Albany b'mod żbaljat.

40 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12.

54. Bi tweġiba għal dan il-Kummissjoni tagħmel żewġ argumenti. L-ewwel nett, hija ssostni li l-aggravju ta' 3F huwa vvizzjat bin-nuqqas tiegħu li jikkontesta l-ewwel parti tal-punt 32, fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li 3F ma setax jistabbilixxi *locus standi* abbażi li huwa jinsab f'kompetizzjoni ma' min iħaddem lill-membri tiegħu. In-nuqqas ta' 3F li jikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-ewwel parti tal-punt għaldaqstant ifisser li l-argument tiegħu għar-rigward tat-tieni parti tal-punt 31 mhuwiex operattiv, peress li l-konklużjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-ewwel parti tal-punt 32 waħedha u minnha nnifisha hija raġuni biżżejjed biex ir-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli.

55. L-ewwel argument tal-Kummissjoni jista' jiġi ttrattat b'mod sommarju. Dan l-argument jassumi b'mod żbaljat li r-raġunijiet li fuqhom rikorrent jista' jsostni li għandu *locus standi* huma kumulattivi, biex b'hekk jekk jonqos milli jistabbilixxi *locus standi* fuq xi waħda minn serje ta' motivi, dan ma jkunx jista' jsostni bl-ebda mod li għandu *locus standi*. Madankollu, il-motivi huma alternattivi. Jekk rikorrent jista' jistabbilixxi *locus standi* fuq motiv wieħed, ir-rikors huwa ammissibbli. Minbarra dan, kif indika 3F matul is-seduta, huwa ma kienx sostna li kien jinsab f'kompetizzjoni ma' min iħaddem lill-membri tiegħu.

56. Għaldaqstant l-ewwel argument tal-Kummissjoni fuq dan il-punt għandu jiġi miċħud.

57. It-tieni nett, il-Kummissjoni targumenta li l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-sentenza Albany hija korretta.

58. Jien għalhekk se ngħaddi biex nikkunsidra s-sentenza Albany f'iktar dettall.

59. Il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Albany kkonkludiet li ftehim kollettivi negozjati bejn min imexxi u l-ħaddiema biex jintlaħqu għanijiet ta' politika soċjali ma għandhomx jiġu evalwati taħt l-Artikolu 81(1) KE, peress li dawn l-għanijiet jiġu mhedda jekk dawn il-ftehim kellhom jiġu evalwati taħt dak l-artikolu [41].

60. Fil-każ preżenti, 3F talab li ssir investigazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li rrifjutat li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni. Din il-proċedura ta' investigazzjoni kienet tkun tikkonċerna dispożizzjoni fiskali, u mhux ftehim kollettiv. 3F isostni li d-dispożizzjonijiet fiskali kkontestati jirrestrinġu l-kapaċità tiegħu li jikkonkludi ftehim kollettivi. Is-sempliċi fatt li ftehim kollettivi ma jistgħux jiġu evalwati taħt l-Artikolu 81 KE (ara s-sentenza Albany) ma jistax iservi bħala l-bażi biex jiġi konkluż li 3F ma jistax iressaq din it-talba.

61. Essenzjalment, jiena naqbel ma' dan ir-raġunament..

62. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat is-sentenza Albany b'mod wiesgħa ż-żejjed. Fil-kawża preżenti, ma kien hemm l-ebda talba sa biex il-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa — kif intalbet tagħmel fil-Kawża Albany — ftehim kollettiv partikolari fid-dawl tar-regoli dwar il-kompetizzjoni. Minflok, 3F allega li l-pożizzjoni kompetittiva tiegħu, għar-rigward ta' trejdunjins oħra, ġiet milquta bl-għajnuna allegata. Mod wieħed ta' kif ippruvat turi li l-pożizzjoni tiegħu ġiet milquta kien billi stqarret li l-għajnuna inkwistjoni kienet ikkawżat ħsara lill-kapaċità tiegħu li jikkonkludi ftehim kollettivi.

63. Anki jekk il-ftehim kollettivi ma jaqgħux fi ħdan l-għan tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għal konklużjoni li ma ssegwix b'mod loġiku dik il-propożizzjoni. L-esklużjoni ta' ftehim kollettiv minn investigazzjoni skont il-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni ma għandhiex tipprekludi rikorrent milli juri li l-pożizzjoni kompetittiva tiegħu ġiet milquta b'mod dannuż b'referenza għall-pożizzjoni mdgħajfa tiegħu fir-rigward ta' sindakati oħra fil-konklużjoni ta' ftehim kollettivi.

64. Il-Qorti tal-Prim'Istanza għalhekk żbaljat fl-evalwazzjoni tagħha tal-effett li l-għajnuna inkwistjoni kellha fuq il-pożizzjoni kompetit-

41 — Punti 59 u 60.

tiva ta' 3F. Dak li jmissha għamlet kien li teżamina jekk il-pożizzjoni kompetittiva ta' 3F fir-rigward ta' sindakati ta' baħħara oħra kinitx tabilħaqq milquta bl-għajnuna allegata.

65. Għaldaqstant jien nikkonkludi li l-ewwel aggravju ta' 3F huwa fondat.

It-tieni aggravju

66. 3F jargumenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet, fil-punti 35 u 36 tad-digriet appellat, li 3F ma setax jibbaża ruħu fuq aspetti soċjali biex jistabbilixxi li kien interessat b'mod individwali.

67. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet, fil-punt 36, li ma kien hemm ebda aspett soċjali li fuqu 3F seta' jippreżenta osservazzjonijiet, peress li l-uniċi effetti soċjali oriġinaw mir-reġistru DIS innifsu, pjuttost milli mit-tnaqqis mit-taxxa li kien japplika għall-baħħara fuq vapuri rreġistrati miegħu.

68. 3F isostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza jmissha esplorat jekk 3F jistax ikun intitolat jissottometti kummenti dwar l-aspetti soċjali tal-kuntest ġuridiku (jiġifieri l-protezzjoni ta' baħħara tal-KE skont il-Linji Gwida tal-1997) li skont dan miżura fiskali bħal dik inkwistjoni fid-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi evalwata. 3F jargumenta li, bħala rappreżentant ta' grupp ta' baħħara tal-KE, huwa parti li setgħet tippreżenta osservazzjonijiet dwar l-aspetti soċjali tal-għajnuna, li kieku nfetħet proċedura ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88 (2) KE. Għalhekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tikkonkludi li kien individwalment interessat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx din il-proċedura.

69. Jiena ma nistax naqbel.

70. Kif issostni ġustament il-Kummissjoni, id-dritt tal-partijiet interessati li jippreżentaw osservazzjonijiet dwar kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjali jagħmel parti mid-drittijiet proċedurali li jgawdu partijiet bħal dawn ladarba tkun infetħet il-proċedura ta' investigazzjoni taħt l-Artikolu 88(2) KE [42].

71. Madankollu, 3F jrid jistabbilixxi li huwa jissodisfa t-test ta' *locus standi* skont is-sen-

42 — Din hija interpretazzjoni loġika tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza (ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja) fis-sentenza Comité d'entreprise de la Société française de Production, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, fejn iddikjarat li entitajiet li jirrappreżentaw lill-impjegati ta' impriża, jistgħu, *bħala partijiet interessati skont it-tifsira tal-*Artikolu 88(2) KE, jippreżentaw osservazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar kunsiderazzjonijiet ta' natura soċjali.

tenza Plaumann [43]. Is-sempliċi possibbiltà li 3F (bħala rappreżentant tal-impjegati tal-benefiċjarji eventwali tal-għajnuna) jista' turi li d-dritt tiegħu li jippreżenta osservazzjonijiet matul proċedura ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) KE ġie milqut b'mod negattiv bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx din il-proċedura sempliċement isservi sabiex tagħtiha distinzjoni bħala li huwa "parti interessata" skont it-tifsira tal-Artikolu 88(2) KE.

72. L-allegata ċaħda ta' drittijiet proċedurali mhijiex biżżejjed biex tiddistingwi lil 3F b'mod individwali skont it-test tas-sentenza Plaumann dwar il-*locus standi*. [44]

73. Għal din ir-raġuni, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

It-tielet aggravju

74. Bit-tielet aggravju tiegħu, 3F jargumenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 37 tad-digriet tagħha, applikat b'mod żbaljat il-linja ta' ġurisprudenza tas-sentenza Plaumann meta kkonkludiet li l-fatt li għajnuna ġiet mgħoddija lil benefiċjarji eventwali tiegħu (issidien tal-bastimenti) permezz ta' tnaqqis fil-pagi netti, mhuwiex biżżejjed biex juri li 3F kien individwalment interessat.

75. 3F isostni li, wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża ARE, sindakat huwa individwalment interessat sal-punt li l-pożizzjonijiet tal-membri tiegħu fis-suq ikunu sostanzjalment milquta mill-miżuri fiskali. [45] Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza rreferiet għall-"operaturi ekonomiċi" [46] li ġeneralment tfisser impriżi, 3F jargumenta li l-ħaddiema li huwa jirrappreżenta setgħu wkoll jiġu kkunsidrati bħala operaturi ekonomiċi, minħabba l-kunsiderazzjoni speċjali mogħtija lilhom mil-Linji Gwida tal-1997.

76. Il-Kummissjoni ssostni li l-każ preżenti għandu jinżamm distint mill-Kawża ARE. Dan ir-rikors jikkonċerna deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tagħtix bidu għal proċedura ta' investigazzjoni taħt l-Artikolu 88(2) KE, filwaqt li s-sentenza ARE kienet tinvolvi t-tieni deċiżjoni li ttieħdet wara proċedura ta' investigazzjoni li kienet irriżultat fl-ewwel deċiżjoni li ddikjarat l-għajnuna inizjali bħala illegali. Minbarra dan, differenti mill-fatti

43 — Test li għandu limitu minimu sostanzjalment iktar għoli; ara hawn fuq, punti 28 u 31.

44 — Ara Comité d'entreprise de la Société française de Production, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punti 50 sa 53, li adottat is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 41 u 42.

45 — Punt 70 tas-sentenza.

46 — Punt 72 tas-sentenza.

inerenti fis-sentenza ARE, il-fatti fir-rikors preżenti ma jikkonċernawx sitwazzjoni ta' għajnuna diretta u r-rikors għal annullament ma tressaqx mill-kompetituri diretti tal-benefiċjarji eventwali tal-għajnuna.

77. Il-Kummissjoni telabora l-aħħar argument, billi targumenta li l-membri ta' 3F ma jistgħux jiġi kkunsidrati bħala "operaturi ekonomiċi" skont it-tifsira stabbilita fis-sentenza ARE, u ma jistax jingħad li huma f'kompetizzjoni diretta mas-sidien tal-bastimenti li eventwalment ibbenefikaw mill-għajnuna permezz tal-ħila tagħhom li jnaqqsu l-pagi netti. Li kellhom jinstabu li huma f'kompetizzjoni diretta, il-Kummissjoni targumenta, il-membri ta' 3F ikunu fl-istess pożizzjoni bħall-bdiewa fis-sentenza ARE, u r-rikors tagħhom ikun inammissibbli minħabba l-istess raġunijiet, peress li l-baħħara kollha tal-UE jistgħu jitqiesu bħala kompetituri tas-sidien tal-bastimenti (mhux biss il-baħħara Daniżi rappreżentati minn 3F) [47].

78. Fil-fehma tiegħi, hemm żewġ punti li jistgħu jiġu dedotti mill-konklużjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 37 tad-digriet appellat.

47 — Punt 72 tas-sentenza.

79. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat il-baħħara li huma rappreżentati minn 3F li mhumiex f'kompetizzjoni mas-sidien tal-bastimenti li huma l-benefiċjarji eventwali tal-għajnuna. Jien ma nista' nara xejn partikolarment kontroversjali f'din l-affermazzjoni. Jekk il-baħħara ta' 3F kienu f'kompetizzjoni mas-sidien tal-bastimenti, il-pożizzjoni tagħhom hija analoga għal dik tal-bdiewa fis-sentenza ARE u tkun inammissibbli minħabba nuqqas ta' interess individwali. Jien għalhekk naqbel mal-argument tal-Kummissjoni li 3F ma jistax jistabbilixxi ammissibbiltà fuq din il-bażi.

80. It-tieni nett, jekk l-iżvantaġġ eventwali tas-sidien tal-bastimenti jiġi trażmess lilhom permezz tal-possibbiltà ta' tnaqqis fil-pagi gross tagħhom, sussegwentement għandu jingħata benefiċċju inizjali lill-baħħara nfushom. [48]

81. Wara li rrikonoxxiet dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha, fil-fehma tiegħi, imbagħad tkompli sabiex tevalwa jekk il-pożizzjoni kompetittiva ta' dawk il-baħħara li huma membri ta' 3F kinitx milquta b'mod dannuż fir-rigward tal-baħħara li mhumiex membri ta' 3F. Madankollu hija ma għamlitx dan. [49]

48 — Dan għaliex, peress li l-baħħara jkunu jistgħu jitolbu pagi gross iktar baxxi għall-istess benefiċċju nett lilhom infushom, il-baħħara inkwistjoni jsiru iktar kompetittivi.

49 — Dan l-approċċ kien konsistenti mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 32 tad-digriet appellat. Madankollu, 3F kkontesta din il-konklużjoni fl-ewwel aggravju tiegħu, li fil-fehma tiegħi għandu jiġi kkonfermat. Ara hawn fuq, il-punti 62 sa 65.

82. Konsegwentement, jiena nikkonkludi li t-tielet aggravju għandu jiġi milqugħ sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kkunsidratx l-effett tal-għajnuna fuq il-pożizzjoni tal-membri ta' 3F meta pparagunata ma' baħħara oħra.

Ir-raba' aggravju

83. Fil-punti 38 sa 40 tad-digriet appellat, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li 3F ma setax jistabbilixxi *locus standi* fuq il-bażi li l-interess tiegħu bħala negozjatur seta' jiġi direttament milqut. F'dan ir-rigward, hija għamlet distinzjoni bejn il-pożizzjoni ta' 3F u l-pożizzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawżi Van der Kooy [50] (il-Landbouwschap) u CIRFS [51] (International Rayon and Synthetic Fibre Committee).

84. 3F jargumenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball meta għamlet din id-distinzjoni u meta kkonkludiet li 3F ma setax jistabbilixxi *locus standi* fuq din il-bażi. Fil-fehma ta' 3F, qorti tista' tikkunsidra li sindakat bħal 3F huwa individwalment interessat u distint jekk dak is-sindakat kellu rwol speċjali fl-għoti tal-għajnuna, jew biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-għajnuna inkwistjoni tkun permessa. F'dan ir-rigward, 3F interpreta dawk is-sentenzi mhux bħala każijiet eċċezzjonali fejn instab li kien hemm interess individwali, iżda bħala żewġ eżempji differenti ħafna minn xulxin ta' prinċipju iktar wiesgħa; jiġifieri li l-pożizzjoni ta' assoċjazzjoni hija distinta u individwalizzata jekk tkun lagħbet rwol speċjali fl-għoti tal-għajnuna jew fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li fihom tkun permessa għajnuna.

85. Jekk is-sentenzi jistabbilixxu prinċipju bħal dan, ir-rwol ta' 3F bħala negozjatur ta' ftehim kollettivi — inkluż in-negozjati dwar il-kundizzjonijiet tal-impieġ tal-membri tiegħu — mas-sidien tal-bastimenti li huma r-riċevituri eventwali tal-għajnuna jagħmilha parti mill-makkinarju sa biex tiġi ttrasferita l-għajnuna lir-riċevituri eventwali tagħha. 3F jislet tliet argumenti separati minn din il-propożizzjoni.

86. 3F isostni, l-ewwel nett, li b'hekk huwa jilgħab l-istess rwol bħal Landbouwschap fis-sentenza Van der Kooy u għandu jiġi rrikonoxxut li għandu status simili, biex b'hekk tkun tista' jistabbilixxi *locus standi* abbażi li r-rwol tiegħu bħala negozjatur ġie milqut negattivament. [52]

87. Il-Kummissjoni ssostni li 3F mhuwiex — b'differenza minn Landbouwschap fil-kawża Van der Kooy — marbut fil-qrib mal-għajnuna inkwistjoni fid-deċiżjoni kontestata u

50 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16.

51 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17.

52 — 3F ipprova wkoll jiddistingwi lilu nnifisu mill-pożizzjoni tar-rikorrent fis-sentenza Comité d'entreprise de la Société française de Production, peress li l-pożizzjoni kompetittiva tal-membri ta' 3F hija attwalment milquta mill-għajnuna. Jien nikkunsidra dan l-argument iktar 'l isfel fil-punti 105 sa 113.

ma nnegozjax il-mod kif l-għajnuna ġiet trażmessa mill-Istat lir-riċevituri eventwali tagħha. 3F huwa sempliċement wieħed minn diversi sindakati b'membri li huma baħħara. Huwa ma jinsabx f'sitwazzjoni fattwali li tiddistingwih mill-persuni l-oħra kollha.

88. It-tieni argument ta' 3F's huwa li, għalkemm huwa jammetti li ma lagħab l-ebda parti fin-negozjati dwar il-Linji Gwida tal-1997, fir-rikors tiegħu huwa kien qed jagixxi sabiex jipproteġi lill-membri tiegħu, li huma grupp speċjali, protetti speċifikament b'dawk il-linji gwida. Interpretazzjoni żbaljata tal-Linji Gwida tal-1997 (li 3F isostni li ġrat peress li l-għajnuna inkwistjoni tqieset li kienet kompatibbli mas-suq komuni) se tirriżulta f'effett negattiv għal 3F u għall-membri tiegħu. Għaldaqstant, għalkemm il-fatt li huwa ressaq ilment mal-Kummissjoni mhuwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit *locus standi*, 3F (bħar-rikorrent fil-kawża CIRFS) għandu *locus standi* sabiex jiżgura li l-membri tiegħu jiġu protetti taħt il-Linji Gwida tal-1997.

89. Għat-tieni argument ta' 3F, il-Kummissjoni twieġeb li l-*locus standi* tar-rikorrent fil-kawża CIRFS kien ġej mill-pożizzjoni tiegħu bħala interlokutur tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna lill-industrija inkwistjoni. Għaldaqstant il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet korretta meta għamlet distinzjoni bejn dik il-kawża u l-kawża preżenti. Il-Kummissjoni żżid targumenta li jekk 3F kien meqjus li għandu *locus standi* sabiex "iħares" il-Linji Gwida tal-1997, dan ikun qed idgħajjef serjament ir-rekwiżit tal-interess individwali.

90. It-tielet argument ta' 3F huwa li lagħab rwol fin-negozjati, għalkemm mingħajr suċċess, sabiex topponi l-introduzzjoni tal-miżura fiskali inkwistjoni tal-Gvern Daniż.

91. Il-Kummissjoni twieġeb li 3F sempliċement oġġezzjona għall-miżuri fiskali li ġew implementati mill-Gvern Daniż. Għalhekk dan ma nnegozjahomx. B'hekk ma jistax jitqies li kien negozjatur abbażi ta' dawn ir-raġunijiet.

92. Jiena ser nindirizza l-argumenti ta' 3F wara xulxin.

93. 3F l-ewwel jipprova jistabbilixxi li l-Kawżi Van der Kooy u CIRFS jagħtu xhieda ta' regola iktar wiesgħa.

94. Ċertament il-fatti li fuqhom huma bbażati dawn iż-żewġ kawżi huma pjuttost differenti. Fil-kawża Van der Kooy, il-Landbouwschap

aġixxiet bħala rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi f'negozjati mal-Gvern Olandiż dwar it-tariffa tal-gass. Din kienet ukoll parti għall-ftehim dwar it-tariffi u ħadet sehem attiv fil-proċedura ta' investigazzjoni li saret mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 88(2) KE. B'kuntrast ma' dan l-International Rayon and Synthetic Fibre Committee f'CIRFS, innegozja mhux ma' Stat Membru iżda mal-Kummissjoni, u aġixxa bħala interlokutur matul il-proċedura biex jiġu adottati linji gwida. Dan segwa ukoll azzjonijiet marbuta mal-politika tar-ristrutturar tassettur, u bħal fil-każ ta' Landbouwschap f'Van der Kooy — ippreżenta osservazzjonijiet matul il-proċedura ta' investigazzjoni. It-tnejn li huma nstabu li għandhom *locus standi* sa biex jikkontestaw id-deċiżjonijiet rispettivi tal-Kummissjoni quddiem il-qrati tal-Komunità. [53]

95. Jien lest naċċetta li dawn iż-żewġ sentenzi mhumiex għal kollox l-eċċezzjoni, iżda pjuttost illustrazzjoni ta' prinċipju iktar ġenerali li l-*locus standi* jista' jiġi stabbilit mir-rikorrent li kapaċi juri li l-għajnuna inkwistjoni laqtet il-pożizzjoni tiegħu bħala negozjatur [54], irrispettivament minn jekk il-Kummissjoni bdietx jew le investigazzjoni. Fil-fehma tiegħi, din ir-rotta partikolari sabiex jiġi stabbilit l-interess individwali ma tippreżenta ebda diffikultà ta' kompatibbiltà mat-test stabbilit bis-sentenza Plaumann [55]. Minbarra dan, jidhirli, li kunsiderazzjonijiet kemm ta' aċċess għall-ġustizzja u ta' politika soċjali jaħdmu b'saħħa favur approċċ bħal dan. Jien għalhekk ngħaddi biex nevalwa l-modi li bihom 3F qed isostni li l-pożizzjoni tiegħu bħala negozjatur ġiet milquta bl-għajnuna.

96. Għalkemm 3F bħala negozjatur ta' ftehim kollettivi jista' jilgħab parti fit-trażmissjoni ta' għajnuna lis-sidien tal-bastimenti [56], huwa ma jeżerċita ebda diskrezzjoni dwar it-tnaqqis fiskali mogħti inizjalment lill-baħħara li jħallsu t-taxxa. F'dan ir-rigward huwa mhijiex negozjatur [57].

97. Għal dawn ir-raġunijiet, jien ma naċċettax l-ewwel argument ta' 3F.

53 — Ara s-sentenza Van der Kooy, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 25, u s-sentenza CIRFS, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 30.

54 — Kif tissuġġerixxi l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 38 tad-digriet appellat.

55 — Jekk, bil-kontra, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkunsidrax li dan huwa prinċipju ġenerali, id-differenzi bejn il-pożizzjoni ta' 3F u ċ-ċirkustanzi kemm fil-kawża Van der Kooy kif ukoll fil-kawża CIRFS fil-fehma tiegħi jżommu lil 3F milli jistabbilixxi *locus standi* b'analoġija ma' dawn il-kawżi.

56 — Permezz tal-opportunità mogħtija lil sidien ta' bastimenti bil-miżuri fiskali inkwistjoni biex jagħmlu tnaqqis fil-pagi gross filwaqt li jippreżervaw il-pagi netti.

57 — L-argument ta' 3F li r-rwol tiegħu bħala negozjatur ta' ftehim kollettiv ġie negattivament milqut mill-għajnuna huwa kkunsidrat hawn taħt, fil-punti 105 sa 113.

98. It-tieni, fil-fehma tiegħi 3F ma jistax jitqies li huwa "negozjatur" għar-rigward tal-Linji Gwida tal-1997. Huwa ma lagħab l-ebda parti fin-negozjati dwar dawk il-Linji Gwida, u għaldaqstant ma jistax jistabbilixxi *locus standi* fuq din ir-raġuni. Minbarra dan l-argument ta' 3F li kien qed jipprova jipproteġi lill-membri tiegħu minn interpretazzjoni żbaljata tal-Linji Gwida ma jbiddilx il-pożizzjoni. Finnuqqas ta' rwol speċifiku fin-negozjati meta saru l-Linji Gwida tal-1997 infushom, 3F ma jistax isostni li qed jipprova jipproteġi lilu nnifisu u lill-membri tiegħu billi jitlob lill-Kummissjoni sabiex tibda proċedura ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 88(2) KE (sabiex jiġu implementati l-Linji Gwida kif suppost) mingħajr ma l-ewwel juri li l-pożizzjoni kompetittiva tiegħu, jew dik tal-membri tiegħu, ġiet milquta b'mod negattiv.

99. Għaldaqstant it-tieni argument ta' 3F mhuwiex raġuni indipendenti għal *locus standi*, imma minflok huwa dipendenti fuq li 3F juri effett negattiv fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu, jew dik tal-membri tiegħu. Bħala tali, dan jista' jsir biss fl-eventwalità li 3F jkun jista' jistabbilixxi effett bħal dan [58].

58 — Ara, bl-istess mod, hawn taħt fil-punti 105 sa 113.

100. L-argument finali ta' 3F insostenn tarraba' aggravju tiegħu jinvoka l-oppożizzjoni tiegħu għall-miżura fiskali fuq livell nazzjonali. Il-Kummissjoni argumentat fir-risposta tagħha li oppożizzjoni dijametrika għal miżura kienet inkonsistenti mal-asserzjoni li kienet involuta fin-negozjati li wasslu sabiex tiġi stabbilita dik il-miżura. Madankollu, matul is-seduta, il-Kummissjoni marret lil hinn minn hekk, fejn argumentat li indipendentement minn kemm sindakat kien involut fil-proċess leġiżlattiv fuq livell nazzjonali, huwa qatt ma seta' jikseb *locus standi* sabiex jikkontesta abbażi ta' dan deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx proċedura ta' evalwazzjoni skont l-Artikolu 88(2) KE. Il-Kummissjoni ssuġġeriet li kontestazzjoni tal-għajnuna quddiem il-qrati nazzjonali, segwita b'rinviju lil din il-Qorti skont l-Artikolu 234 KE, kienet l-aħjar triq li kellha tittieħed.

101. Jien ma naċċettax li sindakat li jipparteċipa b'mod sħiħ f'negozjati li għandhom x'jaqsmu ma skema ta' għajnuna fuq livell nazzjonali, iżda li fl-aħħar mill-aħħar ma jirnexxilux jipprevjeni milli dik l-iskema tiġi ppromulgata, huwa preklużż milli jikkontesta

deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx proċedura ta' investigazzjoni (iżda minflok huwa obbligat juża' triq iktar indiretta, u inqas ċerta permezz ta' proċeduri ġudizzjarji nazzjonali u tar-rinviju) [59].

102. Madankollu, jekk is-sindakat inkwistjoni sempliċement wera li huwa qajjem oġġezzjonijiet formali, huwa ma weriex li kien negozjatur. Jekk rikorrent ipproduċiex biżżejjed provi sabiex isostni l-affermazzjoni tiegħu li huwa negozjatur, din hija kwistjoni li għandha tiġi ddeterminata mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

103. Fil-kawża preżenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza sabet bħala fatt [60] li 3F ma weriex li huwa nnegozja l-adozzjoni ta' miżuri fiskali mal-Gvern Daniż. Fl-assenza ta' eċċezzjoni li tallega distorsjoni tal-provi, din il-konklużjoni ta' fatt ma tistax tiġi kkontestata.

104. Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, jiena niċħad ir-raba' aggravju tal-appellanti.

Deċiżjoni finali dwar ammissibbiltà

105. Skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-każ li tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tiddeċiedi definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

106. Fil-fehma tiegħi 3F ta prova li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkunsidra jekk pożizzjoni tal-membri ta' 3F kinitx milquta b'mod negattiv bl-għajnuna inkwistjoni.

107. 3F għamel biżżejjed sabiex jistabbilixxi li huwa kellu jingħata *locus standi* bħala rikorrent quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza?

59 — F'dan ir-rigward jien nixtieq nuri bil-qawwa l-qbil tiegħi mal-kummenti tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-punti 37 sa 49 tal-konklużjonijiet fil-kawża Unión de Pequeños Agricultores (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-2002, C-50/00 P, Ġabra p. I-6677); l-aċċess għall-Qorti tal-Ġustizzja permezz tal-qorti nazzjonali u talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE mhuwiex sostitut perfett għal aċċess skont l-Artikolu 230 KE.

60 — Fil-punt 40 tad-digriet appellat.

108. Fil-fehma tiegħi, minn eżami tad-dokumenti ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-argument ta' 3F li l-pożizzjoni kompetittiva tiegħu għalhekk kienet milquta b'mod negattiv huwa difettuż.

109. Il-miżuri kkontestati jieħdu l-forma ta' benefiċċju fiskali.

110. Baħħar jista' jikseb tnaqqis mit-taxxa jekk huwa wkoll ikollu jħallas it-taxxa fuq id-dħul. Għaldaqstant huma biss il-baħħara li jħallsu t-taxxa li jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri li 3F jixtieq li l-Kummissjoni tissuġġetta għal proċedura ta' investigazzjoni.

111. Il-Linji Gwida tal-1997 speċifikament jiddefinixxu "baħħara tal-KE" bħala dawk li għandhom l-obbligu li jħallsu t-taxxa fi Stat Membru tal-KE. Il-grupp ta' baħħara li jibbenefikaw mill-miżuri inkwistjoni huwa għalhekk, kif indikat il-Kummissjoni ġustament, l-istess bħal grupp ta' baħħara li l-Linji Gwida tal-Komunità huma intiżi li jipproteġu.

112. Minn dan isegwi li pożizzjoni kompetittiva tal-membri baħħara ta' 3F, fir-rigward ta' baħħara li mhumiex baħħara tal-KE skont it-tifsira tal-Linji Gwida tal-KE, ma tistax tiġi milquta b'mod negattiv mill-miżura tal-għajnuna inkwistjoni.

113. Għaldaqstant, għalkemm nikkunsidra li l-ewwel u t-tielet aggravji tal-appell huma fondati, madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja għandha fil-fehma tiegħi tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

114. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tiġi ordnata tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.

115. Il-Kummissjoni għamlet talba għall-ispejjeż. Peress li jien ħadt il-pożizzjoni li l-appellant għandu jitlef l-appell, dan għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż..

Konklużjoni

116. Għaldaqstant, jien nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

— tannulla d-digriet appellat;

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

— tikkundanna lil 3F għall-ispejjeż.